MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 775/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 775/2008 fl-ismijiet:-**

**Alexander Gauci I.D – 294264 M f'ismu u ghan-nom ta' GA Properties Limited C - 14388**

**vs**

**Joseph Mizzi ID 671262 M u Josette Mizzi ID 537661 M u JJ Limited C- 13660.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' Alexander Gauci *proprio et nomine* datat 21 ta' Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, jnehhu,

jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikulari l-*motor yacht* tat-tip Princess 42 bl-isem ta' "*Diamond Head"*, irregistrat Valletta Port taht *Official No. 06084* (kopja tac-certifikat tar-registru hawn esebita Dok "MB 1") liema *motor yacht* tinsab *berthed* fuq Pontoon "O" ) fl-Imsida Marina, Ta' Xbiex favur terzi persuni.

Illi l-istess rikorrenti ppremettew li jafu illi l-intimati jinstabu jipprovaw ibieghu u jitrasferixxu l-imsemmi *motor yacht* sabiex jeludu d-drittijiet tar-rikorrenti;

Illi l-intimati ghandhom jhallsu l-bilanc ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghall-sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46) *piu`* tliet elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) ekwivalenti ghal Lm1,500 jew bilanc verjuri;

Illi ghalkemm saru diversi promessi ta' konkluzjoni tal-materja l-ammont ghadu dovut;

Illi ghadu dovut ukoll f'kontro kambju prodotti varji minghand s-socjeta` Power Point Limited fl-ammont ta' elf hames mitt lira Maltin jew bilanc verjuri.

Rat id-digriet tal-Imhallef datat 21 ta' Mejju 2008 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tad-28 ta' Mejju 2008, u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2008 fejn l-istess rikors gie diferit ghan-notifika ghall-11 ta' Gunju 2008.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Joseph u Josette Mizzi, u ta' J.J. Limited datata 3 ta' Gunju 2008 a fol. 11 tal-process fejn opponew ghat-talbiet tar-rikorrenti peress li sostnew li l-istess rikorrenti ma ghandhom l-ebda dritt *prima facie* li jitolbu l-hrug ta' tali mandat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 873 (2) tal-Kap 12;** l-ebda kreditu ma huwa dovut mill-intimati lir-rikorrenti; li l-istess intimati mhux qed

jittentaw ibieghu l-istess *motor yacht* favur terzi; li c-cirkostanzi tal-istess debituri huma tali li ma jaghtux dubju ragonevoli dwar il-likwidita' taghhom u dwar il-kapacita' finanzjarja taghhom li jistghu jhallsu l-allegati pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti; fil-kaz li l-istess mandat jibqa' *in vigore* l-intimati ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom garanziji xierqa ohra li huma jistghu joffru sabiex jissodisfaw l-allegati pretensjonijiet tal-intimati, u ghalhekk l-intimati talbu li l-Qorti tirrevoka d-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2008, tichad it-talbiet tal-intimati bl-ispejjez u taghti dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa *ai termini* tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12.**

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2008 meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Matthew Brincat ghar-rikorrenti u Dr. Cynthia Scerri Debono ghall-intimati prezenti fl-Awla. Dr. Cynthia Scerri Debono ddikjarat li l-ammont indikat fl-iskrittura gie mhallas parti *in cash* u parti *cheque*. Il-Qorti staqsiet ghall-ircevuti dwar l-istess u Dr. Cynthia Scerri Debono ddikjarat li l-intimati m' ghandhomx dawn l-ircevuti. Dr. Matthew Brincat esebixxa l-iskrittura li giet immarkata bhala Dok "MB 1". Dr. Cynthia Scerri Debono rrilevat illi in effetti l-*yacht* gie trasferit mis-socjeta` GA Properties Limited. Mistoqsija mill-Qorti, Dr. Scerri Debono ddikjarat li wara l-istess skrittura s-socjeta` GA Properties Limited ittrasferiet il-*yacht* lill-intimati, li gie hawn anness bhala Dok. "A", pero` l-hlas xorta sar lil Alexander Gauci qabel il-*bill of sale* datat l-1 ta' Awissu 2007. Dr. Cynthia Scerri Debono esebiet ukoll Dok. "B", Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E" u xehed Joseph Mizzi. Id-difensuri trattaw il-kaz u r-rikors gie differit ghall-provediment *in camera*.

Rat ix-xhieda moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi r-rikorrenti ghamlu din il-procedura sabiex jinibixxu lill-intimati milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikulari l-*motor yacht* tat-tip Princess 42 bl-isem ta' "*Diamond Head*", irregistrat Valletta Port taht *Official No. 06084* (kopja tac-certifikat tar-registru hawn esebita Dok "MB 1") liema *motor yacht* tinsab *berthed* fuq Pontoon "O" ) fl-Imsida Marina, ta' Xbiex favur terzi persuni u dan peress li qed isostnu li ghad ghandhom jiehdu s-somma ta' €46,587.46 ekwivalenti ghal Lm20,000, *oltre* l-ammont ta' 3,494 Euro (Lm1,500) dovuti fl-istess skrittura hemm indikata lil-istess rikorrenti Alex Gauci bhala prodotti minghand Power Point Limited ta' 175, Naxxar Road, B'Kara, li taghha l-intimat Joseph Mizzi huwa azzjonista.

Illi l-procedura ittentata mis-socjeta' rikorrenti hija dik *ai termini* tal-**artikolu 873 tal-Kap 12** li jiddisponi fis-**sub-artikolu 2** tal-istess illi:-

*"Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex iharsu id-drittijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Illi l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija fost ohrajn, izzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat, b'dan li l-ligi tahseb ukoll sabiex thares minn hsara jew pregudizzju bhal dan li jista' jitwettaq meta parti tehles minn bini jew mmobbli, billi jzomm milli jsir il-bejgh, trasferiment, jew tnehhija ta' gid bhal dan.

Illi ghalhekk jidher car li l-elementi rikjesti sabiex jigi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma anke skond is-sentenza "**Giacomo Galea vs Pio Bezzina"** (A.C. 5 ta' Awissu 1954) **u "Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb"** (K.G.V. 14 ta' Gunju 1995) huma tlieta:-

(a) Ir-rikorrenza ta’ wiehed mill-fatti elenkati **fl-artikolu 873 (1) jew (4),** u cioe’ sabiex att jigi imwaqqaf milli jsir;

(b) Illi jkun jidher *“prima facie”* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista’ jirrekalu hsara jew molestja;

(c) Id-dritt huwa necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliciment biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b’azzjoni *ad hoc*, u dan kif gie wkoll stabbilit bid-decizzjonijiet **“Angelo Xuereb nomine vs Marin Hili”** (K. (N.A.) 22 ta’ Settembru 1995) **“Freeport Terminal p.l.c. vs Union Haddiema Maghqudin”** (P.A. (RCP) 2 ta’ Frar 1999).

Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-procedura hija mahsuba sabiex titqies bhala wahda sommarja, u dan ghaliex il-mertu ghandu jigi deciz biss f’kawza apposita bejn il-partijiet, u ghalhekk fl-elementi necessarji ghall-hrug ta’ tali mandat dak li l-ligi qed tirrikjedi huwa li b’dak li jkun jista’ jaghmel jew ser jaghmel l-intimat, il-jedd tar-rikorrenti ma jigix serjament pregudikat b’mod irrimedjabbli. **(“Charles Mugliette vs Saviour Bonnici”** (P.A. (JRM) – 25 ta’ Jannar 2005).

Illi applikati l-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li bejn il-partijiet Alex Gauci u Joseph Mizzi giet iffirmata skrittura privata datata 14 ta’ Frar 2006 fejn sar ftehim fejn il-*motor yacht* indikata f’dawn l-atti kellha tigi trasferita lill-intimat, li minn naha tieghu kellu jittrasferixxi lir-rikorrenti Gauci proprjeta’ mmobbli li kellha tibqa’ fuq isem l-intimat Mizzi sakemm tinstab terza persuna li tixtri l-istess proprjeta’, liema proprjeta’ immobbli giet valutata fl-ammont ta’ Lm35,000, u kellu jhallas is-somma ta’ €81,528.07 (Lm35,000) fi zmien sentejn mid-data ta’ l-istess ftehim u fin-nuqqas li dan isir l-istess intimat kellu jaghmel self mal-bank sabiex ihallas l-ammont dovut, u dan minbarra li l-istess rikorrenti Alex Gauci kellu d-dritt li jiehu b’valur ta’ €6,988.12 (Lm3,000) fi prodotti minghand Power Point Limited ta’ 175, Naxxar Road, B’Kara li taghha l-intimat Joseph Mizzi kien azzjonista. Dan kollu jirrizulta mill-istess ftehim (Dok. “MB 1”).

Illi effettivament jirrizulta li tali proprjeta' immobbli giet trasferita (Dok. "D") u jidher ukoll li s-socjeta' GA Properties Limited trasferit l-istess *yacht* lis-socjeta' intimata JJ. Limited (Dok. A") u dan skond *bill of sale* li gie ffirmat mill-istess intimata Josette Mizzi fid-data ta' l-1 ta' Awissu 2007, li allura hija data qabel it-terminu ndikat ta' sentejn indikat fl-iskrittura datata 14 ta' Frar 2006. Mhuwiex car kif l-istess trasferiment favur is-socjeta' intimata gie ffirmat proprju mill-intimata Josette Mizzi ghalkemm l-intimati Mizzi jghidu li dan sar ghaliex certu Roberto Stivala li kien l-unika direttur tas-socjeta' GA Properties Limited kien iffirma l-imsejjha formula "K" u dan dar sabiex skond l-intimat huwa jkollu kontroll tal-istess socjeta' li kienet proprjetarja tal-*yacht* inkwistjoni.

Illi fil-fatt jidher li l-istess socjeta' GA Properties Limited kienet proprjetarja tal-istess *yacht* u allura l-intimat bin-nomina ta' martu bhala direttrici tal-istess, skond huwa (Dok. "D") kellu kontroll tal-istess kumpanija u allura tal-istess *yacht*; pero' minkejja dan sar trasferiment tal-istess *yacht* minn GA Properties Limited, li ghaliha ffirmat *proprio* Josette Mizzi fl-1 ta' Awissu 2007 (Dok. "A") ghall fuq is-socjeta' JJ Limited li jidher li hija tal-istess intimati Mizzi, anke peress li l-indirizz tal-istess moghti fuq l-istess dokument huwa dak tar-residenza tal-intimati Mizzi (Dok. "D"); f'dan il-kuntest jinghad li fl-istqarrija Dok. "D" maghmula mill-intimati konjugi Mizzi fit-22 ta' April 2008 jinghad mill-istess intimati li dan Roberto Stivala minhabba dak li huma sejhu bhala dikjarazzjoni falza li huwa ghamel ma' MFSA, rega' ha pussess tas-socjeta' GA Properties Limited u dan billi rega' pogga ruhu bhala direttur tal-istess minghajr il-kunsens tal-intimati Mizzi u b'hekk l-intimati fl-istess stqarrija qed isostnu li *"B'din l-azzjoni tieghu* (ta' Stivala) *jiena tlift titolari fil-kumpanija li hija proprjetarja tad-dghajsa".*

Illi din il-Qorti thoss li din il-versjoni ma hijiex kredibbli u ma tistax tigi accettata u dan peress li mid-dokumenti esebiti mill-intimati stess jidher li mill-1 ta' Awissu 2007 sallum l-istess *yacht* saret u baqghet proprjeta' tas-socjeta' JJ Limited (Dok. "A") ta' 170, Swieqi Road,

Swieqi, li huwa l-indirizz tar-residenza tal-istess intimati (Dok. "D"), u allura GA Properties Limited ma tistax titqies li hija proprjetarja tal-istess *yacht* u allura dak dikjarat mill-istess konjugi Mizzi fl-istqarrija minnhom esebita certament li ma huwiex korrett; anzi jidher li l-istess *yacht* hija fil-kontroll tal-istess JJ Limited u hadd izjed.

Illi l-istess intimati sostnew li qabel ma sar l-imsemmi trasferiment tal-*yacht* allura favur is-socjeta' JJ Limited, li fiha din il-Qorti tifhem li l-intimati Mizzi ghandhom interess (u r-risposta tal-intimati tinkludi dik tal-istess socjeta') sar il-hlas tal-istess somma ta' €81,528.07 (Lm35,000) minnhom lir-rikorrenti permezz ta' cekk u bi flus kontanti izda prova ta' dan ma saritx, tant li meta din il-Qorti staqsiet ghall-produzzjoni tal-istess ricevuti, l-intimati ma esebew l-ebda ricevuta, u fil-fatt *tramite* l-abbli difensur taghhom, informaw lill-Qorti li l-intimati ma kellhom l-ebda ricevuta tal-ammonti minnhom imhallsa, inkluzi allura dawk mertu tal-mandat odjern li jammontaw ghal €46,587.46 ekwivalenti ghall-Lm20,000, *oltre* l-ammont ta' €3,494 (Lm1,500) dovuti fl-istess skrittura hemm indikata lill-istess rikorrenti Alex Gauci bhala prodotti minghand Power Point Limited ta' 175, Naxxar Road, B'Kara, li taghha l-intimat Joseph Mizzi huwa azzjonista.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti thoss li prova tal-allegati pagamenti tas-sommom mitluba mir-rikorrenti fir-rikors odjern ma saritx mill-intimati u dan lanqas sal-grad ta' *prima facie*, u dan meta kien l-oneru taghhom li jaghmlu din il-prova la darba huma ecceppew li sar pagament tal-ammont minnhom mitlub. Ghalhekk din il-Qorti thoss li r-rikorrenti prova *prima facie* l-pretensjonijiet tieghu u wkoll *in vista* tar-rizultanzi kollha processwali, li l-bejgh ta' tali *yacht* ikun ta' pregudizzju ghall-istess rikorrenti, u dan anke abbazi ta' dak li jidher li sehh bejn l-iffirmar tal-iskrittura tal-14 ta' Frar 2006 sad-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni.

Illi dwar l-allegata kapacita' tal-intimati li jhallsu tali kreditu jirrizulta li wirt li mess lill-intimata Josette Mizzi mill-mewt ta' missierha Saviour sive Sunny Farrugia fis-7 ta' Marzu 1998, huwa regolat b'testment datat 5 ta' Novembru 1990

fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, izda jidher mid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 3 ta' Settembru 1998 li l-proprjeta' hemm indikata hija proprjeta' indiviza tal-istess intimata flimkien ma' l-eredi l-ohra hemm indikati u ma' ommha u dan apparti li jirrizulta li skond l-istess testment fuq l-istess porzjonijiet hemm legat ta' uzu u uzufrutt a favur omm l-intimata Josette Mizzi, Maria Carmela Farrugia, u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan ma ghandux iwassal sabiex dan il-mandat ma jigix milqugh.

Illi dwar il-proprjeta' indikata 19, Brared Street, B'Kara li stima taghha giet esebita bhala Dok. "E" ma jidhirx li gie esebit xi dokument li juri li l-istess hija proprjeta' ta' l-intimati u lanqas li l-istess proprjeta' ma hijiex munita b'xi privilegg jew ipoteka jew xi piz iehor favur terzi.

Illi dwar l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 16** jirrizulta li din hija talba li tista' ssir wara li jkun inhareg Mandat ta' Inibizzjoni b'mod definittiv u certament mhux permezz ta' risposta fil-procedura stess ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Mhux hekk biss izda ma jirrizultax li hemm lok ghall-imposizzjoni ta' penali ghaliex ma jidhirx li ghal dan il-kaz jezistu xi wiehed mill-elementi indikati fl-**artikolu 836 (8) (a) sa (d)** anzi jidher li r-rikorrenti agixxew sabiex jipproteggu l-pretensjonijiet taghhom.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u dan peress li l-elementi kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoku 873 tal-Kap 12** gew ilkoll sodisfatti u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha u r-risposta tal-intimati qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati datata 3 ta' Gunju 2008, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 21 ta' Mejju 2008 ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati** b'dan li din il-Qorti qed tinibixxi lill-intimati milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz

jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikulari l-*motor yacht* tat-tip Princess 42 bl-isem ta' "*Diamond Head"*, irregistrata Valletta Port taht *Official No. 06084* (kopja tac-certifikat tar-registru hawn esebita Dok "MB 1") liema *motor yacht* tinsab *berthed* fuq Pontoon "O" ) fl-Imsida Marina, ta' Xbiex favur terzi persuni kollox kif indikat fl-istess rikors tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------